32005D0754

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tad-19 ta' Ottubru 2005

dwar il-hatra tal-membri tal-Grupp Ewropew dwar l-Etika fix-Xjenza u t-Teknoloġiji l-Ġodda għat-tielet mandat tiegħu

(2005/754/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-16 ta' Diċembru 1997 (SEC(97) 2404) li toħloq il-Grupp Ewropew dwar l-Etika fix-Xjenza u t-Teknoloġiji l-Ġodda (EGE) u li tawtorizza lill-President tal-Kummissjoni Ewropea biex jaħtar l-membri;

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-26 ta' Marzu 2001 (C(2001) 691) li tikkonċerna l-emenda tad-delega tal-Grupp Ewropew dwar l-Etika fix-Xjenza u t-Teknoloġiji l-Ġodda;

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/383/KE tal-11 ta' Mejju 2005 [1] dwar it-tiġdid tal-mandat tal-Grupp Ewropew dwar l-Etika fix-Xjenza u t-Teknoloġiji l-Ġodda;

Wara li kkunsidrat is-sejħa miftuħa għall-espressjonijiet ta' interess imnedija fuq il-websajt ta' l-EGE fl-20 ta' Mejju 2005 b'data ta' l-għeluq fl-20 ta' Ġunju 2005;

Billi:

(1) Il-EGE hija entità konsultattiva indipendenti u multidixxiplinarja tal-Kummissjoni Ewropea, iffurmata minn 15-il membru;

(2) Waslu 38 applikazzjoni wara s-sejħa għall-espressjonijiet ta' interess [2]. 10 mill-membri huma eliġibbli li jerġgħu jiġu eletti [3] u 9 fost dawn jixtiequ li jiġu kkunsidrati.

(3) Huwa meħtieġ li tkun żgurata firxa xierqa ta' kapaċitajiet professjonali u esperjenza fil-mandat ta' l-EGE;

(4) Il-membri huma maħtura *ad personam* għall-kompetenzi u l-kwalitjiet personali tagħhom.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Ihatra ta' dawn il-membri tal-EGE li spiċċalhom il-mandat huwa mġedded għal perjodu ta' erba' snin:

(1) Rafael Capurro

(2) Inez de Beaufort

(3) Göran Hermerén

(4) Linda Nielsen

(5) Pere Puigdomenech Rosell

(6) Günter Virt

[1] ĠU L 127, 20.5.2005, p. 17.

[2] Ara l-hames punt ta' l-Artikolu 3.2. tad-Deċiżjoni 2005/383/KE: "*L-identifikazzjoni u l-għażla tal-membri ta' l-EGE għandhom isiru fuq il-bażi ta' sejħa miftuħa għall-espressjonijiet ta' interess.*"

[3] Ara t-tielet punt ta' l-Artikolu 3.2. tad-Deċiżjoni 2005/383/KE: "*Kull membru ta' l-EGE għandu jiġi maħtura għal perjodu ta' erba' snin. Din il-ħatra tista' tiġġedded għal massimu ta' żewġ perjodi aktar.*"

Artikolu 2

L-individwi li ġejjin huma maħtura bħala membri tal-EGE għal perjodu ta' erba' snin:

(1) Emmanuel Agius

(2) Diána Bánáti

(3) Anne Cambon-Thomsen

(4) Carlo Casini

(5) Jozef Glasa

(6) Hille Haker

(7) Julian Kinderlerer

(8) Krzysztof Marczewski

(9) Paula Martinho da Silva

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, nhar id-19 ta' Ottubru 2005.

Għall-Kummissjoni
José Manuel BARROSO
Il-President